



Dokument ta' sessjoni

B9-0188/2023

13.3.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-familja bħala pilastru fundamentali tas-soċjetà

**Margarita de la Pisa Carrión, Jorge Buxadé Villalba, Mazaly Aguilar,
Hermann Tertsch**

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-familja bħala pilastru fundamentali tas-soċjetà

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 16 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jgħid li l-persuni kollha għandhom id-dritt “jiżżewġu u jwaqqfu familja”;
- B. billi l-Artikolu 33 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jgħid li “[l]-familja għandha tgawdi minn protezzjoni legali, ekonomika u soċjali”;
- C. billi l-familja hija unità naturali bis-sinifikat proprju tagħha li tiġi qabel l-Istat u jistħoqqilha kull rikonoxximent legali;
- 1. Ifakkar fin-natura sussidjarja tal-Istat fir-rigward tal-valur intrinsiku tal-familja u l-invjolabbiltà tal-isfera privata tagħha;
- 2. Ihegġegħ lill-Istati Membri jqiegħdu l-familja fiċ-ċentru tal-politiki soċjali;
- 3. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jqisu kull wieħed u waħda mill-membri li naturalment jagħmlu parti minnha, bir-responsabbiltajiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;
- 4. Jitlob li jittieħdu azzjonijiet li jipproteġu lill-familja u jiġu promossi miżuri ekonomiċi, soċjali u fiskali li jippermettu l-iżvilupp tagħha u l-fattur tagħha fl-umanizzazzjoni tas-soċjetà.